MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Numru 447/2009

Il-Pulizija
(Spetturi Robert Vella u Ramon Mercieca)

vs

Joe Decelis

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 48683(m), akkuzat talli:

1. bejn il-lejl ta’ nhar il-25ta’ April 2009 u nhar is-26 ta’ April 2009 gewwa il-Hamrun flimkien ma tlett persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta’ oggetti minn gewwa fond bl-isem “L’Intrata’ sitwat fi Triq Fra Diegu, il-Hamrun, liema serq hu aggravat bil-hin, bil-valur li jeccedi 2329.37 Ewro u bil-mezz u sar ghad-detriment ta’ Gaetano Said;

2. kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta’ Frar 2008 b’liema sentenza gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bih fuq l-iskorta tal-artikoli tal-ligi minnu citati baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar r-reita’ jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qed isib oggezzjoni biex il-kawza tibqa’ tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat qieghed mixli b’serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u hin u li kiser sentenza ta’ liberta’ kondizjonata. Is-serqa in meritu titratta dik li sehhet f’xi hin ta’ bil-lejl bejn il-25 u s-26 ta’ April 2009 minn hanut bl-isem “L-Intrata” f’Triq Fra Diegu, Hamrun, minn fejn naqsu numru ta’ arloggi indurati, set tat-televizjoni, DVD u flus fl-ammont komplessiv li kien jissupera l-elfejn u tlett mitt Ewro. Intant, l-provi m’humiex illuminanti izda bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, sabiex serenament issib l-imputat hati skond l-imputazzjonijiet kontrih dedotti. Fil-kuntest ta’ dawn il-provi dik li tinkjoda lill-imputat hija x-xhieda tal-kuntistabbli PC 275 li stqarr li kien gharfu mill-filmat mehud mis-CCTV installat mal-bini ta’ kunvent tas-sorijiet fil-vicinanzi u dan wara li kien irceva informazzjoni li fuq ix-xena tad-delitt kien hemm vettura li minn investigazzjoni li ghamel

irrizultat kienet registrata fuq Harold Decelis, missier l-imputat. Abbinat dan il-fatt ma' dak li l-imputat fl-ebda stadju ma cahdu jew imqarr innegah jirrendi l-fatt bhala wiehed pruvat u bizzejjed fih innifsu u wahdu biex l-imputat jigi dikjarat hati. Din il-htija testendi wkoll fil-konfront tat-tieni akkuza li allura tissusisti u tinsab pjenament ippruvata. Dak li fil-kuntest ta' l-ewwel akkuza ma rrizultax hu l-aggravju tal-vjolenza stante li l-prova li l-malviventi kienu f'numru ta' tnejn jew aktar mhiex sodisfacjentement pruvata. Mill-bqija r-rinviju tal-Avukat Generali ma jsemmi ebda reat iehor hlief ghal dawn trattati hawn fuq.

Kwantu ghall-piena fuq dikjarazzjoni ta' htija fl-imputat ghall-imputazzjonijiet kontih migjuba fuq l-iskorta ta' l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 267, 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 31 tal-Kap 9 u billi mill-fedina penali tal-imputat jidher li dan hu l-ewwel reat tieghu izda jirrizulta mill-atti li l-imputat kiser ordni ta' liberta' kondizjonata (Artikolu 22/1 tal-Kap 446 moghtija lilu b'sentenza ta' din il-Qorti kif differentement preseduta, mehud kont tax-xhieda tal-agenzija Caritas, wara li rat ukoll l-Artikolu 23 tal-imsemmi Kap 446, qeghdha tqeghedu taht ordni ta' probation skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------